

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1934**tat-23 ta' Ottubru 2017****li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/638/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK, jenħtieġ li daww il-miżuri restrittivi jiġu estiżi sas-27 ta' Ottubru 2018.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/638/PESK tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-27 ta' Ottubru 2018. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġġedded jew tiġi emendata, skont kif meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħha ma jkunux intlaħqu."

*Artikolu 2*Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kunsill**Il-President*

K. IVA

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10).